**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 923/24 GG**

**Maltarama Limited (C-13091)**

**vs.**

**Meeting Point Malta Limited (C-41046)**

Illum 24 ta' Settembru 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Guramentat** ippreżentat quddiem din il-Qorti fil-21 t'Awwissu 2024 bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi s-socjeta rikorrenti topera fis-settur turistiku billi torganizza 'tours' u tipprovdi servizzi relatati fosthom lil operaturi turistici;

2. Illi s-socjeta intimata Meeting Point Malta Limited hija operatur turistiku u ilha ghal-diversi snin klijenta tas-socjeta rikorrenti;

3. Illi fil-perjodu bejn Frar u Gunju 2024, is-socjeta rikorrenti pprovdit 'tours' lis-socjeta intimata, liema servizzi gew fatturati b'mod regolari;

4. Illi skond ftehim bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta intimata l-fatturi tas-socjeta rikorrenti ghandhom jithallsu fi zmien sittin (60) jum mill-fattura;

5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta intimata fis-somma totali ta' €229,338.72 (mitejn u disgha u ghoxrin elf, tlett mija u tmienja u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu) (ara r-rendikont anness u mmarkat bhala Dok ' A') rapprezentanti hlas dovut ghal prezz ta' 'tours' ghal perjodu bejn Frar u Gunju 2024; Illi fis-17 ta' Gunju 2024 l-esponenti ppresentat kawza ghal parti minn dan l-ammont fis-somma ta' €112,405.13 (mija u tnax il-elf, erba' mija u hames ewro u tlettax il-centezmu) (ara rikors guramentat nru 684/2024TA hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B' flimkien mal-fatturi relattivi 'Dok B1 sa B8'); Illi min din is-somma nqatghu s-somma ta' €25,769.83 (hamsa u ghoxrin elf u seba mija u disgha u sittin ewro u tlieta u tmenin centezmu) imhallsa akkont mis-socjeta intimata; Ghalhekk fil-kawza succitata Rikors Guramentat numru 684/2024TA, is-socjeta rikorrenti talbet il-hlas tas-somma ta' €86,635.30 u fil-fatt inghatat sentenza *res judicata* ghal din is-somma (ara Sentenza deciza fil-11 ta' Lulju 2024 hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C' );

6. Illi l-bilanc dovut u li qed jigi mitlub mis-socjeta rikorrenti f'din il-kawza huwa ta' **€142,753.42** (mija u tnejn u erbghin elf, sebgha mija u tlieta u hamsin Ewro u tnejn u erbghin centezmu) ghal-perjodu bejn April u Gunju 2024 (ara rendikont anness u mmarkat Dok 'A' kif ukoll il-fatturi relattivi mmarkati bhala Dok 'B9-B27');

7. Illi minkejja li s-socjeta rikkorenti nterpellat diversi drabi lis-socjeta intimata sabiex thallas il-bilanc hekk dovut, hija baqghet inadempjenti;

8. Illi l-imsemmi ammont ta' €142,753.42 (mija u tnejn u erbghin elf, sebgha mija u tlieta u hamsin Ewro u tnejn u erbghin centezmu) huwa dejn cert, likwidu u dovut mis-socjeta intimata lir-rikorrenti u ghalhekk fil-fehma umli tal-esponenti jikkonkorru l-elementi preskritti fl-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi

fil-fehma tal-istess esponenti, is-socjeta intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi.

9. Illi l-fatti indikati fil-paragrafi suriferiti ta' dan ir-rikors huma maghrufin lir-rapprezentant tal-esponenti in kwantu jaf bihom bhala direttur tas-socjeta rikorrenti.

**It-Talbiet**

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dawk kollha li jistghu jirrizultaw matul it-trattazzjoni tal-kawza:

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-socjeta intimata Meeting Point Malta Limited hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' €142,753.42 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' 'tours' forniti lill-istess socjeta intimata;

3. Konsegwentament tordna lis-socjeta intimata Meeting Point Malta Limited thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' €142,753.42 bl-imghaxijiet legali minn gheluq sittin (60) il-gurnata mid-data rispettiva ta' kull fattura annessa u mmarkata bhala 'Dok B9 - B27'.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet fuq premessi li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta intimata li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta rikorrenti kontra s-socjeta intimata ghal-hlas ta' kull somma ohra li ssir dovuta.

Rat id-digriet taghha tas-26 t'Awwissu, 2024 li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Settembru, 2024 fil-11:00am;

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikat fit-3 ta' Settembru, 2024 bir-rikors gurament u bl-avviz ta' smigh;

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2024, is-socjeta' konvenuta ammettiet it-talbiet attrici u dan permezz ta' nota prezentata u moqrija seduta stante;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' David Borg Costanzi anness mar-rikors promutur skond il-ligi;

Rat l-atti kompriz id-dokumenti esebiti;

**Decide:**

Ghaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa** l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ta' smigh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta; u

**Tilqa'** t-tieni talba u tiddikjara li s-socjeta intimata Meeting Point Malta Limited hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' €142,753.42 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' 'tours' forniti lill-istess socjeta intimata;

**Tordna** lis-socjeta intimata Meeting Point Malta Limited thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' €142,753.42 bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza u dan stante li ma tressqet ebda prova ta' ittra ufficcjali li biha s-socjeta' intimata kienet interpellata thallas l-ammonti dovuti u ghalhekk **tichad** it-talba ghall-hlas ta' imghaxijiet minn gheluq sittin (60) jum mid-data rispettiva ta' kull fattura annessa u mmarkata bhala 'Dok B9 - B27'.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelaorju fl-istess ismijiet tal-21 t'Awwissu, 2024

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

---

Nicole Cini

Deputat Reġistratur